THE MALTAVERIANS

Ħarġa 1

# L-INKREDIBBLI DATA BIT



THE MALTAVERIANS

**Ħarġa 1**
*L-INKREDIBBLI DATA BIT*

**Maħluq minn**
Robert Caruana (artist) u Martin G. Debattista (awtur)

arthouse DESIGN STUDIO

**Editur**
Trevor Sammut

**Qari tal-provi**
Christopher Giordano

**Pubblikatur**
Malta Digital Innovation Authority (MDIA)
f'kollaborazzjoni ma' Tech.mt u eSkills Malta Foundation

**Stampat Malta (UE) 2023**
**Stampat mill-ġdid fl-2024**
Print It Ltd

**ISBN stampat**
978-9918-0-0799-8

**ISBN PDF (diġitali)**
978-9918-0-0801-8

Copyright © 2023 Robert Caruana u Martin G. Debattista

**Kull dritt miżmum**

L-istorja u l-ismijiet, il-karattri u l-inċidenti kollha li jidhru f'din il-pubblikazzjoni huma fittizji. Kwalunkwe xebh ma' persuni veri (ħajjin jew mejtin) mhuwiex intenzjonat u huwa biss kumbinazzjoni.

Din il-pubblikazzjoni hija intenzjonata għal udjenza minn 11-il sena 'l fuq.

Ingħatat kull attenzjoni possibbli biex ikun assigurat li l-kontenut kollu ta' dan il-komik ikun korrett u aġġornat sad-data tal-pubblikazzjoni. Il-produzzjoni saret b'reqqa kbira u l-pubblikatur ma jassumi l-ebda responsabbiltà għal kwalunkwe żbalji li setgħu ttieħdu.

**Kuntatt**
MDIA
Twenty20 Business Centre, Triq l-Intornjatur, Zona 3,
Central Business District, Birkirkara, CBD 3050
Malta

Email: info@mdia.gov.mt
Telefown: +356 2182 8800

**Din il-pubblikazzjoni qed titqassam b'xejn u mhijiex għall-bejgħ.**

maltaverians.mt

Il-proġett tal-pubblikazzjoni ta' serje ta' komiks, bit-tema tat-teknoloġija tal-innovazzjoni diġitali, għandu l-għan li jenfasizza l-importanza li nespandu l-għarfien tal-adolexxenti f'dan il-qasam li qed jevolvi ta' kuljum. Dawn il-komiks huma maħsuba li jitqassmu lill-istudenti li jistudjaw il-Computing u l-IT, biex jissaħħaħ l-għarfien tagħhom tat-teknoloġija l-iktar riċenti u jservuhom ukoll ta' gwida fil-karrieri futuri tagħhom. Din l-istorja hija disponibbli wkoll online b'format diġitali. Permezz tal-viżwal interattiv u l-istejjer infushom il-komiks għandhom iqanqlu l-interess tal-qarrejja żgħażagħ u jgħinuhom jifhmu aħjar il-mezzi teknoloġiċi innovattivi li qed ifasslu d-dinja tal-lum. Barra minn hekk, il-glossarju inkluż fil-pubblikazzjoni għandu jiċċara t-termini u l-kunċetti tat-teknoloġija, sabiex il-materjal ikun iktar aċċessibbli u informattiv.

# THE MALTAVERIANS



**Isimha veru:**
Elisa Bonello

**Kwalitajiet fil-karattru:**
Pożittiva, empatika, enerġetika

**Kwalitajiet fil-personalità:**
Fuq tagħha, minn tagħna

**Il-laqam fid-dinja virtwali:**
Bella Bit

**It-tifsira tal-laqam:**
Sabiħa + l-iżgħar qies tad-data

**In-nazzjonalità:**
Maltija

**L-età:**
19

**Ix-xogħol:**
Studenta/għalliema (għalliema li għadha qed titħarreġ)

**L-ikbar alleati:**
Jake Spark (ħabib), il-pulizija, ċittadini responsabbli

**L-ikbar għedewwa:**
kriminali tal-kompjuter (speċjalment il-bullies u l-ħallelin)

**Ħiliet speċjali:**
Il-vista diġitali: tara kif jaħdmu minn ġewwa t-teknoloġiji diġitali bħall-ebda uman ieħor

**Qawwiet speċjali:**
Vjaġġatriċi prima fir-Realtà Virtwali, moħħha hemm bħal Sherlock Holmes, ħiliet virtwali fl-arti marzjali, akkanita ħafna għal-logħob tal-kompjuter

**Qawwiet oħra:**
Kapaċi tgħallem lit-tfal b'mod li jieħdu gost



**Ismu veru:**
Jake Spiteri

**Kwalitajiet fil-karattru:**
Intelliġenti, passjonali, leali

**Kwalitajiet fil-personalità:**
Mistħi, riservat

**Il-laqam fid-dinja virtwali:**
Jake Spark

**It-tifsira tal-laqam:**
Jake + moħħ intelliġenti + żgħir imma mimli ħeġġa

**In-nazzjonalità:**
Maltija

**L-età:**
18½

**Ix-xogħol:**
Student/Software Developer

**L-ikbar alleati:**
Bella Bit, il-pulizija, ċittadini responsabbli, apparat tal-kompjuter sikur

**L-ikbar għedewwa:**
phishers, hackers, spammers eċċ.

**Ħiliet speċjali:**
Jikkomunika mat-teknoloġija – b'xi mod jidher li teknoloġija li m'għandhiex ħajja tifhem x'għandu bżonn u xi jrid

**Qawwiet speċjali:**
Xejn (bħalissa)

**Qawwiet oħra:**
Jipprogramma s-software bl-ikbar faċilità


HAW', BELLA!
QED NAĦDEM FUQ PROĠETT BĦALISSA! DAQSXEJN MGĦAĠĠEL!
HAW', JAKE!
IMBAGĦAD NIBGĦATHULEK B'EMAIL U GĦIDLI X'TAĦSEB.
IVA, MELA!


KOLLOX LEST BIEX GĦADA TIBDEW IT-TEACHING PRACTICE. IL-ĦIDMA T-TAJBA!
Jake
Bgħattlek email
Il-proġett li semmejtlek.
Żommu għalik!
Bella
Jake Spiteri
My project
To: Elisa Bonello
Dear Bella,
Attached!!
Double click to install, enjoy!
J
Click
Click
INSTALLING SOFTWARE ...
43%


DOOM
DOOM
BOOM
SKUŻANI
LI ĠEJT TARD!


XI NQALA',
CARL?
TIDHER KONFUŻ.
MISSIERI SID TA' LUKANDA U DAL-LEJL SERQULU L-IDENTITÀ DIĠITALI!
WIEĦED MILL-IMPJEGATI MA SETAX JILLOGGJA FID-DATABASE. IL-USERNAMES U L-PASSWORDS KOLLHA TAS-SOLTU MA ĦADMUX...
LANQAS FL-EMAILS MA SETGĦU JIDĦLU.
DAK IL-ĦIN MISSIERI NDUNA LI L-ACCOUNTS KOLLHA TIEGĦU KIENU BBLOKKJATI...
... U ANKI L-ACCOUNTS TAL-MIDJA SOĊJALI U L-CREDIT CARDS...
KOLLOX!!!
BIEX TGĦAXXAQHA, L-INFORMAZZJONI KOLLHA TAL-KLIJENTI NSTERQET U TĦASSRET MID-DATABASE TAL-PAPÀ.
MISSIERI GĦAMEL RAPPORT LIS-CYBER CRIME UNIT, U QABEL ĦRIĠT MID-DAR DALGĦODU OMMI QALTLI LI L-PULIZIJA DIĠÀ BDEW L-ISTĦARRIĠ TAGĦHOM.
KISSRULNA L-FUTUR TAGĦNA. MISSIERI DDISPRAT. TAĦSEB LI TISTA' TGĦINNA B'XI MOD?!


Hi J is-software tal-ġenn, qatt ma rajt xi ħaġa simili!
Dak m'għandu x'jaqsam xejn mal-assignments tal-UNI, idea tiegħi li qed naħdem fuqha.
Issa nippruvaha bil-VR headset!
Customise your character
NICKNAME: Bella Bit
CHOOSE COLOURS
NEXT >>
JAKE, ILLOGGJAJT. QED TISMAGĦNI?
HELLO, CYBER GIRL!! ĦAĦAĦA!


WOW! HAWN FEJN QEGĦDIN?


MERĦBA FIS-CYBER SPACE TA' VERA. BĦALISSA TINSAB BARRA MILL-FIREWALL TAL-KOMPJUTER TIEGĦEK, U NILQGĦEK FL-INTERNET KIF QATT MA ESPERJENZAJTU QABEL.
HEMM STUDENT FIL-KLASSI LI QED NGĦALLEM TGĦIDX KEMM IDDISPJAĊIENI GĦALIH. LIL MISSIERU SERQULU L-IDENTITÀ DIĠITALI U L-FRODISTI UŻAWHA BIEX IĦHEKKJAWLU S-SISTEMA TAL-LUKANDA TIEGĦU.
TAF KEMM HUMA INKWETATI! JIDDISPJAĊINI ĦAFNA NARAHOM HEKK. TAĦSEB LI NISTGĦU NGĦINUHOM B'XI MOD?
MA NAĦMILHIEX META JAGĦMLU HEKK... META JISIRQU NIES TAL-AFFARI TAGĦHOM.
TAĦSEB LI NISTGĦU NGĦINUHOM? TAF NISTAX INSIB XI ĦAĠA HAWN LI FORSI TTINA ĦJIEL BIEX NAQBDU 'L DAWN IL-ĦALLELIN?
OK... SEKONDA...
EEE... IVA!!!
GĦANDI BŻONN INKELLEM LIL MISSIERU MALAJR KEMM JISTA' JKUN.
TAL-ĠENN, JAKE! ĦA NIBGĦAT MESSAĠĠ LIL CARL U NISTAQSIH BIEX INKELLMU LIL MISSIERU LANNY KLEIN MINNUFIH.
IKTAR MA NIBDEW MALAJR, AĦJAR!


HEMM XI TAMA LI NĠIB FLUSI LURA?
GRRR!!!
QED NIĊĊEKKJA... SEKONDA, GĦAX IRRID INFITTEX ĦA NARA NSIBX XI ĦJIEL...
NISTA' NUŻA WAĦDA L-MOWBAJL TIEGĦEK?
EĦE, EŻATT...
MINN HAWN...
QED TARA?
ISTRA!!
LE!
SEKONDA...
DAWN HUMA!!!
OWKEJ...
NISTA' NIEĦU RITRATT TA' DAWN?


LANNY'S
L-IKEL LEST...
MHUX ISSA, MA!
BELLA, FEJN INTI? GĦANDI XI NGĦIDLEK!
BEEELLAA?
QED NIBGĦATLEK IT-TIMESTAMP TAL-EWWEL ATTENTAT FUQ IL-FIREWALL TA' LANNY... U GĦANDEK UKOLL IT-TIMESTAMP TA' META RNEXXIELHOM JIDĦLU!
EĦE?! BRAVU!! IMMA X'TAĦSIBNI LILI? MHUX AĦJAR TGĦIDLI XI RRID NAGĦMEL?
HMM... DAWN TAJBIN, TA! IRNEXXIELHOM JAĦDMUHA TAJJEB BIEX JAGĦMLUHA DIFFIĊLI LI JINQABDU!
U TGĦID MHUX HEKK! ĦA NAGĦTI DAQQA T'GĦAJN SEW.


IRRID NIĊĊEKKJA XI ĦAĠA IMMA DAWN ID-DATA PACKETS MA NISTAX ILLAĦĦAQ MAGĦHOM.
ID-DATA HEADERS JIDHRU VERI, JAKE. HEMM XI MOD KIF NISTA' NGĦAĠĠEL IKTAR ĦA LLAĦĦAQ MAGĦHOM? SIBT XI ĦAĠA IMMA QED TITLAQLI!
QED NAGĦMILLEK UPGRADE FIL-LIBSA VIRTWALI BIEX TIPPROĊESSA D-DATA B'ĦEFFA IKBAR.


IRRID NARAHA, DIN! JAKE, DIN FEJN SE TEĦODNA?
'IL BARRA MIS-SUBNETS!
MELA TLAQNA, ĦA NARAW X'SE NSIBU!
TAL-ĠENN HAWN! EŻATT BĦAL-LOGĦBA TAL-KOMPJUTER FAVORITA TIEGĦI! IMMA GĦANDI BŻONN XI ĦAĠA TGĦAĠĠEL AKTAR MILL-JETPACK.
918cd90453064af553ed1fec0d2f2987831258d772f3baa01b987619481b1075


F'IDEJJA. QED NIKKOWDJA CYBER-SPEEDER ĦALLI TIĠRI AKTAR...
RENDERING... DAQT LESTA; ARAHA ĠEJJA!
DEPLOYING...
HYPER SPEED


BELLA? BELL? KOLLOX SEW? ILI MA NISMA' MINGĦANDEK. JIEN NISTA' NARA FEJN QIEGĦDA IMMA TISTA' TAQSAM MIEGĦI DAK LI QED TARA?
JIEN KONT NAĦSEB LI JESAĠERAW META JGĦIDU LI MILJUNI TA' MEGABYTES JIĠU TRASFERITI KULL MINUTA, IMMA ISSA QED NARAHOM B'GĦAJNEJJA STESS!
L-UPGRADE LI JMISS ŻGUR SE JKUN FIH REMOTE VIEWER GĦALIJA BIEX INKUN NISTA' NARA DAK LI QED TARA INT! NAĦSEB LI DIK...
ISKOT! SIBT XI ĦAĠA... IL-PACKETS LI QED INSEGWI SEJRIN LEJN IL-LVANT. ILLALLU! QED JAGĦMLU SERVER HOPPING, MINN SERVER GĦAL IEĦOR F'PAJJIŻI DIFFERENTI BIEX MA JĦALLUX TRAĊĊI.
HMM... DAN DONNU T-TOR NETWORK.
JISTA' JKUN, IMMA T-TOR JINTUŻA WKOLL MILL-ĠURNALISTI U L-ATTIVISTI BIEX JAĦBU L-KOMUNIKAZZJONI DIĠITALI TAGĦHOM MINN GVERNIJIET OPPRESSIVI.


QED NARA LI WASALT IL-GREAT FIREWALL TAĊ-ĊINA. ATTENTA!
TINKWETAX, DAWN IL-HACKERS MA JIDHIRX LI QED JITKELLMU BIĊ-ĊINIŻ. FIL-FATT... ID-DATA PACKETS JIDHRU SEJRIN SINGAPORE... IVA, SINGAPORE!
HEMM IT-TELLIEQA TAL-FORMULA 1 HEMM ILLEJLA.
IL-PACKETS JIDHER LI WASLU FID-DESTINAZZJONI TAGĦHOM. DAĦLU F'BINJA LI TINSAB WARA... AQTA' XIEX... FIREWALL BĦALMA JUŻAW FIL-MILITAR!
TANK TAL-GWERRA GĦANDI BŻONN, ISSA, MHUX SPEEDER, BIEX NGĦADDI!
IKKALMA NAQRA, ĦA NARA... IL-POST JIDHER XI MKIEN KWIET F'SINGAPORE.
JIDHER SABIĦ FIL-GOOGLE STREET VIEW... INSOMMA... ISSA RRIDU NSIBU DAWK LI JGĦIDULHOM 'CRACKS' JEW DIFETTI FIS-SOFTWARE TAL-FIREWALL. NARAW INSIBUX XI SETTINGS MAGĦMULIN ĦAŻIN JEW PASSWORDS FAĊLI BIEX TISKOPRIHOM. TAQBADX U TISPARA BL-ADDOĊĊ!
TAF KEMM INĦOBB NAQBEŻ ĦITAN U NIĠĠIELED MA' MOSTRI FIL-LOGĦOB TAL-KOMPJUTER! PERÒ EJJA NAGĦMLU KIF QED TISSUĠĠERIXXI INT.
QED NIBGĦATLEK IS-SUPER NETWORK VULNERABILITY SCANNER TIEGĦI.
AAAAAAA!!


OWKEJ, L-ISCANNER WASAL U BDEJT INHADDMU...
DAN JIDHER IMPENETRABBLI.
SE... ŻOMM.. HAWN XI ĦAĠA QED TIĊĊAQLAQ...
XEJN MHI TOGĦĠOBNI!
HAWN ELUF TA' DATA PACKETS ĠEJJIN LEJJA MINN KULL DIREZZJONI! DIN ARMATA TA' BOT-NETS!
GĦANDI BŻONN TARKA, U MALAJR!
TIR MINN HEMM! SE NIBGĦATLEK SPECIAL DATA ARMOUR.
EJJA, ĦAFFEF! MA NISTAX INŻOMM IKTAR!


HAWN HU, DAK LI KONNA QED INFITTXU!
ĦAREĠ FIL-BERAĦ!



TRID TIRBAĦLU QABEL TERĠA' TIPPROVA TGĦADDI MINN ĠOL-FIREWALL.
DAN JAF X'INHU JAGĦMEL. M'INIEX B'SAĦĦTI BIŻŻEJJED BIEX NIRBAĦLU. TISTA' TIBGĦATLI XI ĦAĠA AĦJAR?
JIDDISPJAĊINI, BĦALISSA MA NISTA' NGĦADDILEK XEJN AĦJAR. SE JKOLLOK TIRTIRA.
OWKEJ, EJJA NOĦORĠU U NIPPRUVAW IKTAR TARD.
IRRIDU NKUNU IKTAR INTELLIĠENTI MINNU, U RRIDU NARAW KIF NGĦADDU MILL-FIREWALL BIL-MEZZI TIEGĦU META L-INQAS IKUN JISTENNIENA.
EJJA, QUM MINN HEMM! MA NIFLAĦX NISTENNA BIEX NERĠA' NIPPROVA!
HMM! INTERESSANTI DIN. QED NARA LI DAN IT-TALI GĦANDU KAROZZA ELETTRIKA PPARKJATA ĦDEJN ID-DAR TIEGĦU... KAROZZA SPORTIVA!
DIL-KAROZZA MQABBDA MAL-WIFI MESH NETWORK TAD-DAR. ARANI SE NIDĦOLLU MILL-KAROZZA LUSSUŻA LI GĦANDU!
NORMALMENT IL-KAROZZI MA JKUNUX PROTETTI DAQSKEMM IKUNU L-KOMPJUTERS. ĦA NAGĦMEL TROJAN HORSE TAPARSI FIRMWARE UPDATE GĦALL-KAROZZA U JEKK HU STUPIDU BIŻŻEJJED JINSTALLAH BLA MA JAĦSIBHA DARBTEJN.
IS-SOFTWARE TAL-ANTIVIRUS LI GĦANDU JĦALLIH GĦADDEJ, IT-TROJAN, GĦAX MHUX IMNIŻŻEL FID-DATABASE U GĦALHEKK MA JAGĦRFUX BĦALA TROJAN.
EJJA ĦA NARAW MIN JILĦAQLU L-IKTAR ISSA! BELLA, SIB IL-LOCATION TAL-ISMARTPHONE TIEGĦU U IBGĦATLI L-COORDINATES.
JEKK HEMM BŻONN ANKE L-LEJL KOLLU NIBQA' GĦADDEJ NAĦDEM FUQHA, DIN.


HEMM HU!!
IT-TROJAN HORSE DAQT LEST!
ACCEPT
UPDATE CAR SOFTWARE
DENY


LEST BIEX IKUN INSTALLAT!
68%
INSTALLING
X'QED JIĠRI, JAKE? WASALNA XI MKIEN? ĦADEM?
100%
READY


IVA!! ĦADEM!!
INFETAĦ PORT FIL-FIREWALL.
DĦALT! DĦALT! MELA EJJA ĦA NURUH MIN AĦNA!
X'QED JIĠRI, JAKE? SIBT IL-KONNESSJONI TAL-WIFI TAD-DAR TIEGĦU... ĦA NIDĦOL!
ILLISTRA XI SMART HOME DIN! ARA NAQRA KEMM GĦANDU APPARAT ELETTRONIKU! HEMM HU...
IL-KOMPJUTER TIEGĦU!


Backup Archive
Active Accounts
Credit Card Numbers
Verified Sources
Movie Downloads
Bitcoin and Crypto
Potential Victims
Fools
Tricks of the trade
Compromised Files
Music
Personal
ARA X'SIBNA!
NEĦĦILI L-ARMOUR, JAKE, ĦALLI NIBDA NISKENNJA DAWN IL-FOLDERS.
QED NISKENNJA!
XEJN S'ISSA.



Victim No. 317
Location: Malta
Name: Lanny Klein
Identification Number:
009990091
Bank Account Number:
1982-209929-10202002-22
Social Media Passwords:
L@nny(l£ln!!!
Client's Database Passwo
LC23/Sep/76m!!
GĦADNI QED INFITTEX.
STENNA!!! QBADNIEH! SIBNA DAK LI KONNA QED INFITTXU!
ĦAĦĦAAAAA!! IRNEXXIELNA! ĦAĦAĦA!!


GĦANDNA L-PROVI F'IDEJNA. ISSA XI JMISS?
ĦALLI F'IDEJJA, GĦANDI IDEA.
GĦANDNA BŻONN INŻOMMUH ALJENAT ĦALLI NAGĦTU ĊANS LILL-PULIZIJA BIEX JIEĦDU AZZJONI.
ISMA', BELLA, ARA KIF TOĦROĠU 'L BARRA MILL-FIREWALL, ĦA JKOLLI L-ĦIN BIEX NAVŻA LILL-PULIZIJA.
L-EWWEL SE NIBGĦAT L-EVIDENZA LIS-CYBER CRIME UNIT TA' MALTA.. IMBAGĦAD... SE NIBGĦAT PING LIL AI-HEK YU ĦA JOĦROĠ MILL-FIREWALL BIEX JINVESTIGA. MUR ILTAQA' MIEGĦU HEMM.
JAKE!! DAK DIĠÀ QIEGĦED HAWN!! JAKE!!
ŻOMMU OKKUPAT, BELLA!


TIR 'IL BARRA
MILL-KOMPJUTER TIEGĦI!


QED JIĠRI WARAJJA!
IĠĠILIDLU, BELLA!
IĠĠIELED!
UŻA L-ARMA TIEGĦEK!


SIR, XI ĦADD BAGĦTILNA L-PROVI DWAR IL-KAŻ TAS-SUR KLEIN.
PROSIT! IBGĦAT KOLLOX LILL-INTERPOL U AGĦMEL RAPPORT.
REĠA' ĠEJ BL-ARMATA TAL-BOTS!
SIR, L-INTERPOL ĦARĠU MANDAT TA' ARREST BIEX NAQBDU HACKER JISMU AI-HEK-YU!
IBGĦAT SKWADRA ISSA STESS!! IRRIDU ARRESTAT!
GO... GO GO GO GO !!!
IFTAĦ!! PULIZIJA!! IFTAĦ!!


ĦAQQ! X'ĠEW JAGĦMLU L-PULIZIJA?!
MA NISTA' NAGĦMEL XEJN... ĦA NIPPROVA NAĦRAB!
IEQAF HEMM!
M'GĦANDEKX MNEJN TAĦRAB!


TIĊĊAQLAQX!
IMXI!
MAJOR CYBER CRIMINAL ARRESTED AT HOME
His victims are from all over the world
Ai-Hek Yu jinsab arrestat u mistenni jitressaq il-Qorti mixli b'cyber crime.
Il-vittma mistenni jikseb lura flusu kollha.
MAJOR CYBER CRIMINAL ARRESTED AT HOME
His victims are from all over the world
X'ĠARA, JAKE? WAQAF JIĠĠIELED!
MA NAFX. NITTAMA LI QABDUH.


PROSIT, JAKE U BELLA! KIF NISTA' QATT INPATTILKOM LURA?


JAKE, NOFFRILEK IL-POŻIZZJONI TA' MANAGER TAL-ICT MAL-KUMPANIJA TIEGĦI.
XI TGĦID? NAGĦTIK PAGA TAJBA BIEX TIPPROTEĠILI N-NEGOZJU U TGĦINU JIKBER.
X'TAĦSEB?
EMM... IVA, MELA!
BIL-QALB KOLLHA, IMMA RRID FTIT ŻMIEN IEĦOR BIEX ILLESTI L-KORS U NAĦDEM FUQ PROGETTI TEKNOLOĠIĊI TIEGĦI... TAF INT!

# GLOSSARJU TA' KLIEM TEKNIKU

| IT-TERMINU | IT-TIFSIRA |
|---|---|
| **Anti-virus software** | Tip ta' software magħmul biex jipproteġi l-kompjuters minn software malinn, bħall-viruses, il-worms u t-Trojan Horses. |
| **Data headers** | Informazzjoni fil-bidu ta' pakkett ta' data li tidentifika s-sors u d-destinazzjoni tiegħu. |
| **Data packets** | Biċċa mid-data li tiġi trażmessa f'network. Tinkludi d-data li qed tkun trażmessa u d-data headers. |
| **Digital literacy** | Il-ħila li tuża t-teknoloġija diġitali, l-għodda tal-komunikazzjoni u n-networks b'mod effettiv u responsabbli. |
| **Firewall** | Sistema tas-sigurtà li tifli u tikkontrolla t-traffiku li jkun dieħel u ħiereġ min-network skont regoli stabbiliti. |
| **Hacker** | Xi ħadd li juża s-sistemi tal-kompjuter u n-networks biex jikseb aċċess għad-data bla permess jew biex jagħmel il-ħsara. |
| **IP address** | Numru uniku assenjat lil kull apparat li jkun konness mal-internet, biex jingħaraf u jkun jista' jibgħat u jirċievi d-data. |
| **Malware** | Software magħmul biex jagħmel il-ħsara lil sistema tal-kompjuter, bħal xi virus, jew biex jikseb aċċess mingħajr permess għal skop kriminali. |
| **Mesh network** | Tip ta' network tal-kompjuters jew apparat tan-network (nodes) li jkunu konnessi flimkien b'mod mifrux u li jinkludi iktar minn konnessjoni waħda bejn kull punt konnettiv. Dan ifisser li jista' jitqies li network tat-tip MESH huwa interkonness b'mod diċentralizzat, jiġifieri mingħajr dipendenzi ċentrali. Kull apparat f'mesh network jista' jikkomunika ma' kwalunkwe apparat ieħor, u d-data tista' tkun trażmessa b'diversi modi biex tasal fejn tkun mistennija, bil-vantaġġ li jiżdiedu l-komponenti iktar ma jkun hemm nodes konnessi. Kollox ma' kollox, mesh network joffri infrastruttura għan-network li hi flessibbli, reżiljenti u tissewwa waħedha, li kapaċi tadatta ruħha f'kundizzjonijiet li jinbidlu u li toffri konnettività li tista' toqgħod fuqha f'ambjenti li joffru sfida. |
| **Metaverse** | Pjattaforma ta' realtà virtwali li fiha l-utenti jinteraġixxu f'ambjent iġġenerat bil-kompjuter. |
| **SHA256** | Tip ta' krittografija li tħares l-informazzjoni diġitali, użata spiss biex tivverifika l-awtentiċità tal-fajls. |
| **Subnet** | Subnet tan-network, jew subnetwork, huwa meta network imdaqqas ikun imqassam f'numru ta' networks iżgħar interkonnessi, ilkoll b'ammont ta' indirizzi tal-IP maħsuba u kompatibbli mas-subnet partikolari. L-għan ta' subnet huwa li jinħolqu numru ta' networks żgħar, li jkunu eħfef biex timmaniġġjahom, fi ħdan in-network il-kbir, u dan jgħin biex titnaqqas il-konġestjoni fin-network, iżid is-sigurtà u jtejjeb l-effiċjenza tan-network (jekk ikun implimentat sew). |
| **Timestamp** | Sekwenza ta' karattri jew informazzjoni li tirrappreżenta l-jum u l-ħin meta seħħ xi avveniment partikolari. |
| **Trojan horse** | Tip ta' malware li jkun jidher donnu programm tajjeb imma fil-fatt ikun qed jaħbi programm ieħor intenzjonat li jagħmel il-ħsara lill-kompjuter jew jikseb aċċess għalih mingħajr permess. |
| **VPN** | Network privat virtwali li jippermetti lill-utenti li jaċċessawh b'mod sikur permezz ta' network pubbliku. |
| **Virtual reality** | Ambjent iġġenerat bil-kompjuter li jikkopja l-ambjent reali u jippermetti lill-utenti li jinteraġixxu miegħu. |
| **Virus** | Tip ta' malware li jista' jirreplika lilu nnifsu u jinfirex f'kompjuters oħrajn, u li ħafna drabi jikkawża l-ħsara jew it-telf tad-data. |
| **Vulnerabilities** | Dgħufijiet f'sistema tal-kompjuter jew f'network li jistgħu jieħdu vantaġġ minnhom il-hackers biex jiksbu aċċess jew kontroll bla permess. |
| **Worm** | Tip ta' malware li jista' jirreplika lilu nnifsu u jinfirex f'kompjuters oħrajn mingħajr il-bżonn ta' intervent minn xi ħadd uman. |



THE MALTAVERIANS

L-INKREDIBBLI DATA BIT

maltaverians.mt